**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 13**

**L-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2024**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-11.04 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 12 tal-21 ta' Novembru 2024 kienu approvati.

**PERMESS LILL-MEDIA**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien hemm talba minn mezzi tal-media sabiex ikopru l-laqgħa tal-Kumitat.

Bil-permess tal-Kumitat membri tal-media tħallew jieħdu ritratti u filmati fl-ewwel ftit minuti tal-laqgħa.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/042) – Kont.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tal-21 ta' Novembru 2024 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/042 datat 23 ta' Ottubru 2024 dwar *Favuritiżmu jew abbuż ta' poter fl-ingaġġ tas-Sa Amanda Muscat fil-Ministeru għat-Turiżmu u sussegwentement fil-Ministeru għal Għawdex*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel b'mod unanimu dwar l-addozzjoni tal-imsemmi rapport.

L-Ispeaker informa lill-Kumitat illi tramite l-Iskrivan tal-Kamra kien informa liz-zewġ Membri li dwarhom sar ir-rapport bid-dritt tagħhom skont Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport, u li dan setgħu jagħmluh jew bil-miktub jew billi jidhru quddiem il-Kumitat fil-laqgħa li kien imiss.

L-Ispeaker informa lill-Membri illi ftit minuti qabel ma bdiet il-laqgħa huwa kien irċieva żewġ ittri, u għalhekk kien qiegħed jiċċirkola:

| | |
|---|---|
| Dok. 30 | Ittra mill-Onor. Clayton Bartolo datata 25 ta' Novembru 2024 lill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika bis-sottomissjoni bil-miktub tiegħu dwar il-każ K/042 ai termini tal-Artikolu 28 ta' Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika |
| Dok. 31 | Ittra mis-Sa Amanda Muscat lis-Segretarju Permanenti Ewlieni datata 27 ta' Novembru 2024 u korrispondenza oħra mas-Segretarju Permanenti Ewlieni, flimkien ma' kopja ta' Bank Draft datat 27 ta' Novembru 2024 |

kif ukoll:

| | |
|---|---|
| Dok. 32 | Ittra mill-Onor. Clint Camilleri datata 26 ta' Novembru 2024 lill-membri tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika bis-sottomissjoni bil-miktub tiegħu dwar il-każ K/042 ai termini tal-Artikolu 28 ta' Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika |

Fil-11.05 a.m. il-Kumitat kien sospiż għal ftit minuti sakemm il-Membri jaraw il-korrispondenza li kienet għadha kif ġiet iċċirkolata, u rriżuma fil-11.09 a.m.

Il-Kumitat qabel li d-dokumenti kellhom ikunu pubbliċi.

Għal finijiet ta' rekords l-Ispeaker għamel referenza wkoll għal

| | |
|---|---|
| Dok. 33 | Ittra mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika lill-Ispeaker datata 25 ta' Novembru 2024 dwar ammonti mħallsa lis-Sa Amanda Muscat |
| Dok. 34 | Email lis-Segretarju Permanenti Ewlieni dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju sabiex ikun hemm reviżjoni tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* kif spjegat fir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/042 |

L-Onor. Ryan Callus qara mozzjoni li kienet qiegħda tiġi ppreżentata minnu u mill-Onor. Mark Anthony Sammut li kienet tinkludi erba' rakkomandazzjonijiet min-naħa tal-Oppożizzjoni.

| | |
|---|---|
| Dok. 35 | Mozzjoni mressqa mill-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut li tirrakkomanda x'sanzjonijiet għandhom jiġu imposti fil-konfront tal-Onor. Clayton Bartolo u l-Onor. Clint Camilleri inkonnessjoni mar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards bir-referenza K/042 |

L-Onor. Callus ressaq ukoll talba sabiex il-bank draft li kienet ħarġet is-Sa Amanda Muscat bħala rifużjoni ma jissarrafx peress illi l-Membri tal-Oppożizzjoni ma kinux qegħdin jaqblu mal-ammont tar-rifużjoni li saret.

L-Ispeaker ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat illi l-mozzjoni kif imressqa mill-Onor. Ryan Callus kien fiha elementi li jagħmlu mozzjoni waħda sostantiva. Huwa żied illi hemm proċedura ta' kif titressaq mozzjoni għat-tneħħija ta' Ministru mill-Kabinett, u ċjoè bħala mozzjoni b'avviż ta' tliet ijiem u ma setgħetx tiġi aċċettata f'dak il-format.

Wara diskussjoni il-Kumitat għadda biex jikkosidra l-proposti tal-Oppożizzjoni separatament.

Fil-11.53 a.m. l-Ispeaker, fuq proposta tal-Onor. Jonathan Attard u tal-Onor. Andy Ellul, ippropona illi tiġi applikata s-sanzjoni ta' ċanfira fil-konfront tal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-Onor. Clint Camilleri, skont Artikolu 28(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 4**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Jonathan Attard | Onor. Ryan Callus |
| Onor. Andy Ellul | Onor. Mark Anthony Sammut |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jgħid illi meta l-voti jkunu ndaqs l-Ispeaker għandu jkollu vot deċiżiv iżda ma jkollux vot oriġinali, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu u vvota favur, u għalhekk il-proposta għaddiet bil-maġġoranza tal-voti.

Fil-11.56 a.m. l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija dwar il-proposta tal-Onor. Mark Anthony Sammut illi tiġi applikata s-sanzjoni li l-Onor. Clint Camilleri jitlob apoloġija permezz ta' dikjarazzjoni personali fil-Kamra, skont Artikolu 28(d)(iii) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 5**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk il-proposta m'għaddietx.

Fil-11.57 a.m. l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija dwar il-proposta tal-Onor. Mark Anthony Sammut illi tiġi applikata s-sanzjoni li l-Kumitat jitlob pagament mill-ġdid ta' jew pagament ta' riżorsi użati ħażin, skont Artikolu 28(d)(iv) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 6**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu u vvota kontra, u għalhekk il-proposta m'għaddietx.

Fil-11.56 a.m. l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija dwar il-proposta tal-Onor. Mark Anthony Sammut illi l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kamra li tissospendi mill-Kamra lill-Onor. Clint Camilleri għal perjodu ta' 30 jum u li l-Kamra tad-Deputati tħeġġeġ lill-Prim Ministru jassigura l-ogħla standards billi jitlob it-tneħħija tal-Onor. Clint Camilleri skont Artikolu 28(d)(v) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 7**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu u vvota kontra, u għalhekk il-proposta m'għaddietx.

Fil-11.59 a.m. l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija dwar il-proposta tal-Onor. Mark Anthony Sammut illi tiġi applikata s-sanzjoni skont Artikolu 28(d)(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u ċjoè li l-Onor. Clayton Bartolo jitlob apoloġija permezz ta' dikjarazzjoni personali fil-Kamra. Il-proposta għaddiet b'mod unanimu.

Fuq proposta tal-Onor. Jonathan Attard il-Kumitat qabel b'mod unanimu li fil-konfront tal-Onor. Clayton Bartolo tiġi applikata wkoll ċanfira skont Artikolu 28(a) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Wara diskussjoni qasira l-Kumitat b'mod unanimu qabel illi l-Kumitat jitlob lis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex jipprovdi breakdown ta' kif inħadem l-ammont li ġie rifuż mis-Sa Amanda Muscat.

F'12.03 a.m. l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija dwar il-proposta tal-Onor. Mark Anthony Sammut illi tiġi applikata s-sanzjoni ta' sospensjoni mill-Kamra għal 30 jum tal-Onor. Clayton Bartolo, skont Artikolu 28(d)(v) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Membri vvutaw kif ġej:

**Votazzjoni Nru 8**

| **Favur** | **Kontra** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

Peress illi l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, skont Artiklu 26 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Ispeaker informa lill-Membri illi kien ser jagħti l-vot tiegħu. L-Ispeaker immotiva d-deċiżjoni tiegħu u vvota kontra, u għalhekk il-proposta m'għaddietx.

F'12.04 p.m. il-Kumitat aġġorna għal data li tiġi komunikata aktar tard.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**